Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija

ID-DISA' LEĠISLATURA

13 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.20 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Simona Refalo - Kunsillier

Josef Charles Hili – Kunsillier

Paul Azzopardi - Kunsillier

Jeanelle Attard – Kunsillier

George Zammit - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Chrismar Xuereb - Segretarju Eżekuttiv

**2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

2.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

2.2.1 Il-Minuti tal-Laqgħa 1 ġew preżentati fuq il-mejda tal-Kunsill. Dawn inqraw mill-membri preżenti. Il-Minuti ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rispettivament.

**2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

2.3.1 Is-Sindku Simona Refalo bdiet id-diskors tagħha billi rringrazzjat lill-kunsillieri kollha għall-koperazzjoni tagħhom. Is-Sa Refalo saħqet li hi dejjem miftuħa għall-ideat ta' kulħadd. Is-Sindku qalet li flimkien bħala tim wieħed il-Kunsill irid jagħti spinta kif mistenni lix-Xewkija.

2.3.2 Is-Sindku Simona Refalo ippreżentat lill-membri preżenti l-lista tar-responsabiltajiet kif taħseb li l-aħjar ikunu mqassmin mal-kunsillieri. Dawn ser ikunu mqassmin;

Simona Refalo - Proġetti Kapitali, Infrastruttura, Attivitajiet, Kultura, Skemi tal-Unjoni Ewropeja

Paul Azzopardi – Ħarsien tal-Annimali u Ambjent

Josef Charles Hili – Sports u Anzjani

Jeanelle Attard – Tfal, Żgħażagħ, Edukazzjoni u Innovazzjoni

George Zammit – Integrita Soċjali, Żamma tat-toroq (Indafa, Bozzoz, Sinjali tat-Traffiku, etc)

2.3.3 Is-Sindku Refalo semmiet il-Food Festival li ser isir il-Ġimgħa 12 u s-Sibt 13 ta' Lulju 2024 fi Pjazza San Ġwann Battista. Is-Sa Refalo nfurmat lill-Kunsill li sar il-ħasil tal-Pjazza mill-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex. Is-Sindku preżentat fuq il-mejda tal-kunsill tlett kwotazzjonijiet biex isir l-iffumugar tal-Pjazza. Il-kunsill evalwa dawn il-kwotazzjonijiet u qabel li jiġi avviċinat il-grupp ta' Eradic 8 peress li kienet l-aħjar kwotazzjoni.

2.3.4 Is-Sindku Simona Refalo infurmat lill-kunsill dwar il-kuntratt tal-knis u l-indafa madwar ir-raħal tax-Xewkija. Is-Sa Refalo infurmat lill-kunsill li skond il-kuntratt suppost ikun hawn tlett ħaddiema jnaddfu madwar ir-raħal, u minħabba dan ser titlob li ssir laqgħa mal-kuntrattur sabiex tiżgura li s-servizz jingħata kif mitlub u mixtieq.

2.3.5 Is-Sindku Refalo tkellmet ukoll dwar il-problema tal-iskart li teżisti madwar il-lokalita tax-Xewkija. Is-Sindku ssuġġeriet li ssir ittra u skeda b'lingwi differenti sabiex tkun tista tintlaħaq mar-residenti barranin li hawn jgħixu fix-Xewkija. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.3.6 Is-Sindku ssuġġeriet ukoll li jiġu nstallati aktar bins tal-klieb. Il-Kunsill qabel ma dan.

2.3.7 Is-Sindku Simona Refalo, stqarret mal-membri preżenti li hemm bżonn isir studju ta' x'tabell tan-No Heavy Vehicles madwar it-toroq tax-Xewkija, sabiex innaqqsu l-inkonvenjent fit-toroq residenzjali.

2.3.8 Is-Sindku tkellmet dwar diversi rapporti li rċeviet mingħand diversi residenti dwar il-problema ta' abbuż u vandaliżmu fi Ġnien Blankas. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li ħaddiem minn tal-kunsill ġibed l-attenzjoni dwar vandaliżmu li qed isir fil-girna li tinsab f'dan l-istess ġnien.

2.3.9 Is-Sa Refalo nnotifikat mal-Kunsill ix-xewqa ta' ħafna biex is-Sibtijiet u l-Ħdud ta' matul is-Sajf tingħalaq il-Pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-ħinijiet tal-għeluq tal-Pjazza, u ġie deċiż li tingħalaq bejn is-19:30 u 12:00am. Il-Kunsill qabel li jiġi avviċinat il-Grupp Organizzattiv tal-Ħamrija sabiex jieħu ħsieb li jpoġġi u jneħħi l-barriers minn Triq San Żakkarija kif ukoll minn Triq San Bert fil-ħinijiet tal-għeluq tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel li waqt dawn il-ħinijiet ikun hemm il-preżenza tal-uffiċjal ta' Transport Malta sabiex jieħdu ħsieb it-traffiku. Il-Kunsill qabel li għandna nistaqsu lill-Grupp Organizzattiv tal-Ħamrija jagħtina prezz biex jagħmel dan is-servizz mitlub.

2.3.10 Is-Sindku Simona Refalo informat lill-membri preżenti dwar il-kawża li l-Kunsill Lokali Ix-Xewkija kellu kontra Ronald Debrincat uffiċjalment waqgħet.

2.3.11 Is-Sindku Refalo, ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill talba minn Xewkija Tigers FC dwar Summer Youth Camp fejn talbu riveżjoni tal-kollaborazzjoni. Il-Kunsill iddiskuta dwar is-suġġeriment tar-riveżjoni tal-kollaborazzjoni. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard saħqet li d-deċiżjoni tal-kunsill kienet li il-Kunsill jieħu ħsieb li ssir l-attivita ġaladarba t-tfal tax-Xewkija jkunu b'xejn. Is-Sindku Refalo wieġbet li min-naħħa tal-klabb ta' Xewkija Tigers, ma qablux ma dan u preżentaw talba ġdida, li t-tfal tax-Xewkija ser ikollom prezz speċjali. Id-Deputat Segretarju qal li meta kien irċieva l-poster, hu ġibed l-attenzjoni li d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet li t-tfal Xewkin ikunu b'xejn. Wara diskussjoni dwar dan il-Kunsill qabel li għandna nitolbu kemm irreġistraw tfal mix-Xewkija u terġa tiġi diskussa din.

2.3.12 Is-Sindku Simona Refalo staqsiet lill-Kunsillieri dwar l-opinjoni tagħhom għll—ġemellaġġi. Il-Kunsilliera Attard wieġbet li taqbel u li għalkemm nistgħu naraw ġemellaġġi ġodda, għandna wkoll inżommu l-ġemellaġġ ma Castelvenere ħaj. Is-Sindku qalet li ser taħdem u tippjana fuq ġemellaġġ fil-Polonja.

2.3.13 Is-Sindku semmiet ukoll l-Events fix-Xewkija fix-xhur li ġejjien. Is-Sa Refalo qalet li tixtieq li fix-Xewkija sal-aħħar tas-Sajf isiru 3 events oħra apparti Fiori D'Argenta li jkunu ndirizzati għat-tfal, għaż-żgħażagħ u anke l-anzjani. Il-Kunsillier Josef Charles Hili ssuġġerixxa Beer Festival. Is-Sindku qalet ukoll li ma kienetx deċiżjoni tagħha li l-Wine Festival li kien isir fix-Xewkija, dis-sena ma jsirx. Il-Kunsilliera Attard qablet mal-Kunsillier Hili dwar il-Beer Festival, u qalet ukoll li dan meta sar kien ta' suċċess. Il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu naraw dwar dan fil-laqgħat li ġejjien.

2.3.14 Punt ieħor li s-Sa Refalo semmiet kien id-Defile taż-Żwiemel li din is-sena ser isir il-Ħadd 25 ta' Awwissu 2024. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ser japplika mill-Cultural Fund fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar biex jikkolabora din l-attivita tant mistenniha. Din l-attivita ser issir minn Triq San Bert għal Pjazza San Ġwann Battista. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet biex Triq l-Indipendenza ma jsirx pparkjar ta' vetturi fiha waqt din l-attivita biex innaqqsu l-inkonvenjent li jinħoloq. Is-Sindku staqsiet ukoll lill-membri preżenti jekk jaqblux li l-Kunsill għandu jerġa jara biex fil-

festa ta' San Ġwann Battista, issir mill-ġdid it-tiġrija taż-żwiemel. Il-Kunsill qabel ma dan.

2.3.15 Is-Sindku Simona Refalo ssuġġeriet biex il-Kunsill ikollu PRO. Is-Sindku preżentat fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni miġbura dwar dan is-servizz. Is-Sa Refalo qalet li qed tistenna żewġ kwotazzjonijiet oħra wkoll. Il-Kunsill qabel li jinġabru aktar kwotazzjonijiet għal dan is-servizz imbagħd jerġa jiġi diskuss.

2.3.16 Is-Sindku informat ukoll lill-membri preżenti li talbet għall-Community Worker ieħor minħabba li fl-aħħar żmien kienu telqu żewġ ħaddiema.

2.3.17 Is-Sindku Simona Refalo semmiet ukoll li fil-preżent għaddejien ix-xogħolijiet marbuta mal-Financial Audits. Is-Sindku qalet li qed nistennew r-riżultat ta' dan l-audit, imbagħad ser tara jekk ikunx hemm bżonn li jintalab biex isir interim audit, peress li hi għadha ġdida fil-kunsill.

2.3.18 Is-Sindku qalet li rċeviet ilment mingħand diversi residenti fi Triq il-Mitħna dwar sit ta' kostruzzjoni. Hi ħadet parir biex fit-triq li nfetħet għal dan is-sit jintefa żrar oħxon biex inaqqas mit-trabijiet fl-arja. Il-kunsilliera Attard talbet biex dan il-materjal li ntefa jintefa wkoll sa ġewwa tas-sit.

2.3.19 Is-Sindku, semmiet ukoll dwar il-problema tal-lattrina tal-pjazza. Is-Sa Refalo qalet li qed tistudja u tieħu l-pariri mingħand nies esperti biex wieħed jara x'jista jsir.

2.3.20 Is-Sindku informat lill-kunsillieri li ser titlob biex isir meeting mal-Ministru Għal Għawdex. Il-Kunsillier Geroge Zammit talab ukoll sabiex isir meeting mal-pulizija.

2.3.21 Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill jaqbilx li ssir Zebra Crossing ġdida fi Triq tal-Ħamrija qrib il-ħanut bl-isem Fruttica. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsillier Hili ssuġġerixxa biex issir Zebra Crossing qrib Triq Ħaġret l-Armi. Qbil dwar rilokazzjoni taz-zebra crossing ta' ħdejn ir-razzett tax-Xiber.

2.3.22 Is-Sindku Simona Refalo qalet li kienet qed tara l-kuntratti u t-tenders li hemm fil-preżent. Is-Sindku ssuġġeriet biex il-Kunsill ikollu nġinier tal-kunsill. Dan ser ikun diskuss il-quddiem. Is-Sa Refalo qalet li fil-preżent qed taħdem ukoll fuq il-Business Plan.

## 2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

2.4.1 Il-Kunsillier George Zammit talab biex isir meeting mal-ħaddiema assenjati mall-Kunsill Lokali Ix-Xewkija u biex waqt din il-laqgħa hu jkun preżenti.

talab traffic lights tal-hnina. biex issir il-laqgħa mal-ħaddiema.

2.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet biex tittella post fuq Facebook tal-Kunsill bid-Dekasteri kif inhuma assenjati.

2.4.3 Il-Kunsillier George Zammit staqsa jekk hemmx xi 'allowance' għal dawk il-kunsillieri Għawdxin li jgħixu Malta. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser jiċċekkja dwar dan.

2.4.4 Il-Kunsillier Josef Charles Hili talab biex issir mill-ġdid it-tabella tal-one way fi Triq il-Knisja peress li dik li kien hemm kienet inqalet. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**2.5 Responsabiltajiet assenjati lill-kunsillieri;**

2.5.1 Simona Refalo – Proġetti Kapitali, Infrastruttura, Attivitajiet, Kultura, Fondi tal-Unjoni Ewropeja

Paul Azzopardi - Ambejnt u Ħarsien tal-Annimali

Josef Charles Hili – Anzjani u Sports

Jeanelle Attard - Tfal, Żgħażagħ, Edukazzjoni u Innovazzjoni

George Zammit - Intergrita Soċjali, Żamma tar-raħal (Bozzoz, indafa, Sinjali tat-traffiku, etc)

**2.6 Fiori D'Argenta;**

2.6.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-jiem preċedenti kienet saret laqgħa bejnu, is-Sindku, is-Segretarju tal-Banda Prekursur, is-Surmast tal-Banda, u l-Arċipriet dwar il-programm ta' attivitajiet ta' Fiori D'Argenta. L-Arċipriet waqt dik il-laqgħa kien qal li fit-28 ta' Awwissu ser jittella Musical mill-Parroċċa u allura l-għana ma tistax issir dakinhar bħal ma dejjem saret. Fid-29 ta' Awwissu mbagħad isir il-programm mużikali mill-Banda Prekursur bis-sehem ta' kantanti lokali, kif ukoll il-ħuġġieġa u l-qsim tat-torta tal-bajtar ta' San Ġwann. Waqt il-laqgħa ġie deċiż li hemm żewġ soluzzjonijiet biex l-għana tkun tista ssir, waħda li l-għana ssir fis-27 ta' Awwissu, u l-oħra li l-għana ssir wara l-programm mużikali fid-29 ta' Awwissu. Il-Kunsill qabel li l-għana ssir meta l-aħjar ikun possibli u li għandna tiġi deċiża fil-jiem li ġejjien.

**2.7 Proġett; SPI/SCI/10/2022 – Żvilupp ta' Latrini Pubbliċi Awtomatiċi madwar Malta u Għawdex;**

2.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv rrefera għar-riżultati tat-tenders li kienu ntefgħu għal dan il-proġett imsemmi u li ma kien hemm l-ebda kuntrattur li kien eleġibbli li jieħu t-tender. Għaldaqstant it-tender irid jerġa joħroġ mill-ġdid sabiex ikun jista jkompli miexi l-proċess fuq dan il-proġett.

**2.8 Pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv;**

2.8.1 Is-Sur Chrismar Xuereb informa uffiċjalment lill-Kunsillieri bir-riżenja tiegħu minn Segretarju Eżekuttiv. Hu rringrazzja lill-Kunsill kollu ta' din l-opportunita u tal-għajnuna li sab, b'mod speċjali mill-membri tal-leġiżlatura ta' qabel. Is-Sur Xuereb qal li kien ser jibqa jokkupa l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv sa xħin jinstab Aġent Segretarju ġdid.

**2.9 Korrispondenza u Ilmenti;**

| | |
|---|---|
| 31/05/2024 | Korrispondenza mingħand is-Sur Nicky Saliba dwar il-bdil tal-boroż is-suwed. |
| 31/05/2024 | Cir AKL 2024/040_Sedqa Research Study – Substances in the Organisational Culture'. |
| 03/06/2024 | Talba għall-żewġt toqob fil-Pjazza mill-Għaqda tal-Armar. |
| 03/06/2024 | Cir AKL 2024/036_Using META Effectively – Connecting to Community: making social media work for your training session. |
| 04/06/2024 | Cir AKL 2024/041_Melodija. |
| 04/06/2024 | Korrispondenza lil Rueben Said mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv dwar għeluq tal-Pjazza San Ġwann Battista fil-Ġimgħa tal-festa mis-19 sal-24 ta' Ġunju, 2024. |
| 05/06/2024 | Aġenda 70 il-Ħamis 6 ta' Ġunju fit-3.00p.m.. |
| 06/06/2024 | Korrispondenza mingħand JP2 Foundation dwar kunċert is-Sibt 8 ta' Ġunju, 2024 fit-8.00p.m. il-Qala. |
| 10/06/2024 | Korrispondenza mingħand Mario Fava mingħand Smart Communities Network. |
| 11/06/2024 | Ċerimonja tal-Ħatra fil-25 ta' Ġunju, 2024 fid-Dar tal-Mediterran fil-5.00p.m. |
| 13/06/2024 | Cat Feeders Scheme 2024 – Guidelines. |
| 14/06/2024 | Screen Tourism Conference – 27th June – Local Councils invite. |
| 19/06/2024 | Stedina għall-Pontifikal tal-Festa San Ġwann Battista. |
| 19/06/2024 | Inviti Ċeremonja tal-Ħatra. |
| 19/06/2024 | Cat Feeders Scheme 2024 Guidelines. |
| 20/06/2024 | Cir AKL 2024/041_Melodija_06.07.2024. |
| 24/06/2024 | Cir AKL 2024/039_Rights call for mentors. |
| 26/06/2024 | Agenda 1, 3 ta' Lulju, 2024 fl-4.00p.m.. |
| 27/06/2024 | Servizzi Ewropej f'Malta Assistenza ta' Fondi Ewropej. |
| 27/06/2024 | Cir AKL 2024/044_Blue Heart Campaign 2024 – Request to light up Local Councils and main buiding in blue (22-30th July). |
| 28/06/2024 | ESP News Harġa nru 32. |
| 28/06/2024 | Fourth Call for Proposals – Measure 4 – Gaga 'Rejuvenating Gozo'. |
| 28/06/2024 | Cir AKL 2024/043_Rights Training – Third Round. |
| 28/06/2024 | Cir AKL 2024/041_Melodija – fis-6 ta' Lulju, 2024. |
| 01/07/2024 | Lifelong Learning – On Line Meeting re-applications 8 ta'Lulju, 2024 fit-10.30a.m.. |
| 01/07/2024 | Talba mingħand Xewkija Tigers FC għall-reviżjoni tal-kollaborazzjoni mill-Kunsill għall-Youth summercamp. |
| 03/07/2024 | Cir AKL 2024/046_HrC side event 4th July at 1-2p.m Cest "Capacity building for Local Governments to realize human rights for all. |
| 04/07/2024 | Gozo's Te4ch Whiz Summer School 2024. |
| 05/07/2024 | Agenda Nru 2 il-Ħamis 11 ta' Lulju, 2024 fl-4.30p.m.. |
| 08/07/2024 | Gozo Tech Whiz Summer School 2024 korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex. |
| 08/07/2024 | Stress Management 12 July at 9.00 a.m. to 10.30a.m. organizzat mill-FSWS Victoria. |
| 09/07/2024 | Re-Med – First Local Project Committee Meeting. |
| 09/07/2024 | Cir AKL 2024/047 Group Life Policy 2024-2025 għal Membri Eletti. |
| 09/07/2024 | Youths from Ukraine Solidarity Project by the Gozo Regional Council korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex. |

11/07/2024 Il-Kumitat Ċentrali tal-Parroċċa bagħat korrispondenza fejn talab għajnuna fuq Levant li ser issir il-Ġimgħa 13 ta' Settembru, 2024. Il-Kunsill qabel unanimament li jikkolabora bl-ammont ta' €2,800.

11/07/2024 L-Għaqda Armar bagħatet imejl fejn talbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill għall-Ikla Tradizzjonali tal-Martirju ta' San Ġwann Battista. Il-Kunsill qabel unanimament li jieħu ħsieb l-ispejjeż tal-imwejjed u s-siġġijiet u dawk relatati mal-entertainment (kantanta u grupp Allegra Accordian Group).

Ilmenti

Talba mis-Sur George Zammit biex jinbidel bank fi Triq Santa Marija.
Talba mingħand Antonio Casingena biex Triq San Ġwann Battista issir 'One Way'.
Talba mis-Sur Alfred Borg biex l-wires tad-dawl jgħaddu minn taħt l-art fil-Pjazza San Ġwann Battista.
Ilment li min Pjazza San Ġwann Battista qed jgħaddu trakkijiet kbar minkejja li hemm it-tabella biex ma jgħaddux.
02/07/2024 Talba mis-Sa Michelle Spiteri, li toqgħod 'Għarix', Triq Sant' Indrija, biex tittranġa l-bankina tagħha.
02/07/2024 Talba biex isir il-patching fi Triq Ċanga.
04/07/2024 Ilment mingħand is-Sur Alfred Grima peress li qed jipparkjaw il-karozzi faċċata tar-residenza tiegħu, u peress li t-triq hija dejqa ma jkunx jista joħroġ bil-vettura mill-garage tiegħu.
06/07/2024 Ilment mingħand is-Sa Maria Pace li fi Triq Dun Grezz Farrugia qed ikun hemm problema tal-boroż taż-żibel mhux magħluqin u meta jkun ir-riħ iż-żibel qed jinfirex tul it-triq.
08/07/2024 Talba mingħand is-Sur Ganni Vella biex jitkompla x-xogħol relatat mal-Belveder fi Triq il-Manwala.
09/07/2024 Rapport mingħand Frances Pace, li l-mirja tat-traffiku li hemm fi Triq tal-Baqqari kull darba qed idawruha xħin jgħaddu t-trakkijiet u jixtieq li isir xi cement fl-art biex tkun iktar soda.
09/0742024 Talba mis-Sur Gregory Gatt li joqgħod Flt 4, The Dome, Triq Santa Elizabetta jixtieq mirja tat-traffiku għax qed isibha diffiċli li joħroġ mir-residenza tiegħu bil-vettura peress li t-triq hija traffikuża. Il-Kunsill qabel li tintbgħat talba lil Transport Malta.
10/07/2024 Talba mill-Kunsilliera Jeanelle Attard biex jissewwew it-tappieri mkissra li hemm fi Triq Santa Elizabetta fuq il-bankini.
11/07/2024 Rapport li fi Vjal il-Labour hemm dgħajjes ipparkjati.

**2.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

2.10.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsilliera preżenti. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**2.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

1.3.1 Il-laqgħa ntemmet fil-17:53 . Il-kunsillieri unanimament qablu li s-seduta li jmiss tkun nhar

Simona Refalo — Sindku

Chrismar Xuereb — Deputat Segretarju Eżekuttiv